OMELIJA TA’ MONS. ARĊISQOF PAWL CREMONA O.P.

F’QUDDIESA GĦALL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA TAS-SENA 2008

Is-sejħa taż-żwieġ

L-ewwelnett, nieħu din l-okkażjoni biex nifirħilkom għal dan is-Sagrament taż-Żwieġ li l-Mulej għażilkom għalih.

Nixtieq nirringrazzjakhom għal żewġ raġunijiet.

L-ewwel raġuni hija għaliex intom ridtu li l-imħabba tagħkom tkunu tistgħu tissiġillawha b’patt. Dak huwa l-ewwel pass; ma tibqax xi ħaġa leġġera li tmur u tiġi, imma tiġi patt bejn tnejn, bejn raġel u mara. Nirringrazzjakom ukoll għaliex dan il-patt intom ridtu li ma jibqax biss ċivili, imma jkun patt quddiem Alla l-Imbierek; ridtu li intom tissiġillawh bis-Sagrament taż-Żwieġ.

It-tieni raġuni għaliex jiena nixtieq nirringrazzjakom hija għaliex ġejtu hawn illum. Għalija, it-tifsira ta’ dan il-jum hija li aħna flimkien qed nagħtu xhieda quddiem id-dinja tal-pjan ta’ Alla fil-bidu, li naqraw fil-Ġenesi: Alla ħalaqhom raġel u mara; ried li jsiru ġisem wieħed. Kien il-pjan li Alla l-Imbierek għażel biex bnedmin oħra jiġu fid-dinja u jgħixu mdawwrin mill-imħabba. Intom illum qegħdin tagħtu xhieda ta’ dan il-pjan. Nirringrazzjaw lill-Mulej għal dan il-pjan .daqshekk sabiħ li ta lill-umanita

Mixja mal-komunita nisranija

Jiena xtaqt naqsam magħkom dak li smajna fil-Lezzjonijiet ta’ llum.

Il-Lezzjonijiet ta’ llum mhux jien għażilthom. Kull min qed jisma’ l-Quddiesa llum jew għada (is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd) se jisma’ l-istess Lezzjonijiet. Araw kif dawn il-

Lezzjonijiet jgħoddu biex jgħinukom ħalli tagħmlu l-mixja tagħkom fiż-żwieġ; x'kontu titilfu kieku intom illum ma ġejtux hawn.

Il-parir tiegħi huwa parir ta' xi ħadd li għandu ħafna għall-qalb il-mixja tagħkom. Jekk kull nhar ta' Ħadd, intom tmorru l-Quddiesa mhux għax ngħid 'ta' bilfors', imma għax jiena kull nhar ta' Ħadd irrid nisma' Alla x'se jgħidilna biex aħna nimxu 'l quddiem f'dak li wegħdna tul din is-sena. Araw ftit dawn il-Lezzjonijiet li smajna llum kemm jistgħu jgħinukom Ħadd wara l-ieħor biex tkomplu tagħmlu l-mixja.

Il-parir tiegħi huwa li l-mixja ma tagħmluhiex waħedkom. Il-mixja tagħmluha b'mod speċjali Ħadd wara l-ieħor flimkien mal-komunita nisranija. Għażlu fejn tmorru l-Quddiesa, dak kollu li hu tajjeb għalikom, biex tħallu l-Mulej jagħtikom il-pariri tiegħu, ġurnata wara l-oħra.

Vokazzjoni

Xi smajna fil-Lezzjonijiet ta' llum?

L-ewwel ħaġa li smajna llum, fl-Evanġelju (Ġw 1, 35-42), hija li s-sejħa taż-żwieġ hija vokazzjoni. Vokazzjoni tfisser li l-Mulej sejħilkom. Fil-Vanġelu smajna dwar dixxipli, nies li kienu qed jisimgħu lil San Ġwann il-Battista, li semgħu kelma, 'dan hu l-Messija', u marru warajh; sejħilhom għal warajh.

Intom qegħdin hawn illum għaliex il-Mulej, lil kull wieħed u waħda minnkom u lil kull koppja, sejħilkom biex intom tidħlu fis-Sagrament taż-Żwieġ. Imma hemm xi ħaġa diffiċli. Diffiċli għaliex? Kultant ma nifhmux li s-Sagrament taż-Żwieġ huwa sejħa daqs dik li kelli jien biex dħalt saċerdot. Hi l-istess, għax f'isem il-Mulej. Id-differenza x'inhi? Meta wieħed jidħol saċerdot iktar tifhmu malajr, għax fin-natura m'għandikx saċerdoti – jew fil-każ tagħkom, taż-żwieġ, tidħol bħala Kristjan jew ma tidħolx. Id-diffikulta hija għaliex hemm min ma jħosshiex bħala sejħa u xorta jiżżewweġ. Allura intom illum tridu tkunu konxji quddiem Alla l-Imbierek u tgħidulu: 'Mulej, jiena mhux għax kumbinazzjoni ħassejt li għandi niżżewweġ, imbagħad għażilt li jkolli quddiesa u waqaft hemm'. F'xi mument, il-koppja, flimkien u waħedkom għidu: 'Mulej, grazzi talli sejjaħtli. Mulej, naf li din hija sejħa minnek'.

Għaliex?

’Il quddiem se tgħaddu minn mumenti li kultant ikunu ta’ ferħ u kultant ikunu ta’ challenge, ta’ sfidi. Ikollkom tilwima? Dik hija sfida biex tħobbu iktar. F’dak il-mument terġa’ tiftakar mhux biss fl-uman, imma inti tiftakar: ‘Mulej, inti darba sejjaħtli u jien se ta’ dan il-mument negħlibha’.□nitolbok tgħinni ħalli din id-diffikulta

Xi wħud minnkom naħseb li ilhom xi xhur miżżewġin. Kemm il-darba ftakartu, meta jkollkom xi tilwima: ‘Bilħaqq, jien għandi ż-żwieġ nisrani. Jien għandi l-għajnuna tal-Mulej. Mulej, għinni. Għinna, ħalli din il-ħaġa negħlbuha u nsiru aħjar’. Ftakru ġewwa fikom infuskom: kemm il-darba wżajtuha. Jekk hu Sagrament, tridu tibdew tużawha.

L-ewwel kellkom ġibda għal xulxin, inkella ma kontux tkellmu lil xulxin. Tafu meta dik il-ġibda saret Sagrament? Meta fuq l-altar l-għarus ħa lill-għarusa tiegħu minn idejn Alla l-Imbierek. U l-għarusa ħadet l-għarus tagħha meta qalet lil Alla l-Imbierek: ‘Se nieħu lil ibnek biex ikun ir-raġel tiegħi.

Se ngħid ċajta, imma naħseb li hija valida: Ftakru li intom, meta żżewġtu, ħadtu tliet kunjati: barra l-kunjati li jidhru hemm kunjatu ieħor li lilek se jistaqsik: ‘Il-mara tiegħek kif qed tittrattaha, għax dik hija binti?’ ‘Ir-raġel tiegħek kif qed tittrattah, għax dak huwa ibni?’ Dak huwa kunjatu wkoll; aħsbu fih.

Il-kelma ta’ Alla

Fl-Ewwel Lezzjoni (1 Sam 3, 3b-10.19) smajna dwar is-sejħa ħelwa ta’ Samwel. Dan kien tfajjel. F’daqqa waħda, il-Mulej jibda jsejjaħlu. It-tfajjel ma jindunax li l-Mulej jista’ jsejjaħlu. Kien hemm wieħed li qed jieħu ħsiebu, kien jismu Eli, kien il-Qassis il-Kbir, li Samwel staqsieh jekk kienx hu li qed isejjaħlu. Eli qallu li ma kienx hu. Eli qal ukoll lil Samwel biex jgħid lill-Mulej: ‘Jien il-qaddej tiegħek, qiegħed nisma’’. L-aħħar kliem kien dan: ‘Wara s-sejħa ma ħalla l-ebda kelma li qal tmur fix-xejn’; jiġifieri Samwel ma ħalla l-ebda kelma li ħarġet minn fomm Alla tmur fix-xejn.

Nista' nagħmlilkom it-tieni suġġeriment? Ejjew isimgħuh lil Alla l-Imbierek. Mhux għalhekk tiġu hawnhekk? Tħallu l-ebda kelma li toħroġ minn fommu tmur fix-xejn. Tiġu hawnhekk tisimgħu l-kelma, forsi wkoll taqrawha d-dar: tħalluhiex tisfa fix-xejn. Ara taħsbu li dak li tkunu se tisimgħu mingħand Alla l-Imbierek se tisimgħuh f'xi reklam ta' tat-televiżjoni! Mhux dak jgħidulkom, imma x'tixtru. Dawn il-kwalita reklami tal-Mulej hawn se ssibuhom u m'għandkomx tħalluhom jgħaddu.

Imħabba u maħfra

Araw x'jgħidilna l-Mulej: raġel jew mara – hekk għandna miktub fil-Ġenesi – iħallu lil missierhom u l-ommhom, jiġu flimkien u jsiru ġisem wieħed. Il-Mulej se jgħidlek: 'Qed tħalli xi ħaġa warajk; xi ħaġa li inti trabbejt fiha, bħal fil-karattru tiegħek, biex inti tiltaqa' għall-inqas fin-nofs ma' min hemm ħdejk?' Jew min hemm ħdejk bilfors irid jagħmel dak li inti mdorri bih? Allura x'se jkun hemm ġdid? Xi ħadd irid iċedi kollox!? Ma tistax; it-tnejn tridu ċċedu, ħalli tkun esperjenza ġdida.

Se tisimgħu: 'Minn hemm jagħrfukom li intom dixxipli tiegħi, jekk tħobbu lil xulxin' - mhux kif ifettlilkom, imma - 'kif ħabbejtkom jien'. Għan-nisrani din il-kelma tfisser rabta. Ġieli ltqajt ma' każi fejn dak li jkun mingħalih kien kollox tajjeb. Jgħidlek li hu kien iħobbha lill-mara tiegħu, imma ssib li kien iħobbha bħalma wieħed iħobb għasfur ġo gaġġa mingħajr ma jagħtiha tagħha. d-dinjita

Hawnhekk il-Mulej qed jgħidlek: 'Għandek mudell'. Lill-mara tiegħi, lir-raġel tiegħi qiegħed inħobbu kif qalilna l-Mulej? Tħalluhiex tgħaddi dik il-kelma, qisha ma teżistix.

Il-Mulej jgħidilna: 'Tridu taħfru, bħalma naħfer jien'. U l-Mulej kien għaqli. Min jaf, sfortunatament, kemm hemm żwiġijiet li bdew jitfixklu għaliex kelma li xi ħadd qal forsi ma kenitx f'postha u ma kienx hemm maħfra! U jgħaddu sena, sentejn, għaxar snin...u tibqa' tikber u tkisser. Dan kollu għaliex dak il-ħin insejt dak li qalilna l-Mulej. Ta' ħdejk ma tafx li, bħalek, ma jiswa xejn? Ma tafx li jista' jgħid kelma mhux f'postha? Ma tafx li min għandek ħdejk jista' jkun li qamet mhux f'postha u qalet kelma mhux f'postha? Allura jien nibqa' nżommha ġewwa qalbi, u hija tibqa' tkisser, tkisser, tkisser. Meta tisma' l-kelma tal-Mulej, ifakkrek: 'U ħalliha tgħaddi'. Daqskemm nagħmlu żbalji

f’affarijiet żgħar! Għażel li tħobb u tibqa’ miexi ’l quddiem.

‘Intom m’inthomx tagħkom infuskom’

It-tielet ħaġa li qrajna, fit-Tieni Lezzjoni, kienet mill-Ewwel Ittra ta’ San Pawl lill-Korintin (1 Kor 6, 13-15a.17-20). Qal hekk: ‘Min jingħaqad ma’ Kristu hu spirtu wieħed ma’ Alla’. U hemm miktub: ‘Intom m’inthomx tagħkom infuskom’.

Qisha magħmulha għalikom, mhux veru? Intom m’inthomx tagħkom infuskom. Meta żżewwiġt, jiena lil min hemm ħdejja għidtlu: ‘Jiena se ningħata lilek’. Mhux ‘se nieħdok’, għax dik faċli. ‘Jien minn illum ’il quddiem se ngħix għalik’. Imbagħad, San Pawl, li kien jifhem, ikompli jgħidilna: ‘Imma oqogħdu attenti!’ Hu jitkellem miż-żina, imma ż-żina se neħodha f’sens wiesgħa. Ma jista’ jkun hemm xejn xi jfixkilkom milli tkunu qalb waħda.

Ħalli nfakkar xi affarijiet: Ma jistax ikollok hobby li inti ma tistax tikkontrollah. Ma tistax tingħata jekk inti ma tpoġġiehx f’kuntest ta’ żwieġ; issa m’għadikx ġuvni jew xebba. Issa miżżewġin, tridu tgħixu flimkien. Ma jistax ikollkom ix-xogħol li jkun iktar qawwi mill-esperjenza li għandkom bejnietkom. Jekk dak se jkun iktar qawwi, iseħħ dak li qed jgħidilna San Pawl: il-materjal, li hu jsejjaħlu żina, jirbaħ u l-ispirtu ma jkunx hemm. F’daqqa waħda tindunaw li x-xogħol ħdimtu għal xulxin, imma m’inthomx ħaġa waħda.

Per eżempju l-ġibdiet. Ma jistax ikolli memorji ta’ ġibdiet qabel, li nġorrhom miegħi fiż-żwieġ - ngħidu aħna persuna li kont inkellem qabel bħal għarus jew għarusa, kienet x’kienet. Fil-mument irrid ngħid: ‘Mulej, lil din il-persuna biss għandi u xejn iktar’. Inkella f’#xi mument terġa’ tispunta u tfixkilni. U taf meta jkun dan il-mument? Meta jfeġġ mument ta’ dgħufija. Meta jkun hemm mument ta’ dgħufija, meta jien inkun imdejjaq, f’daqqa waħda tiġi l-memorja li jien żammejt ġewwa moħħi; żammejtha fil-ġenb, imma ġewwa moħħi.

Ma’ dik il-kelma ‘żina’ jiena kont inpoġġi wkoll il-karattru tiegħi. Jekk jiena, per eżempju, għandi karattru dominanti, jekk jiena mhux se nagħraf li jien karattru dominanti, x’se jiġri? Trid tagħraf inti min int, il-karattru tiegħek, ħalli jkun f’idejk u

toffrih għal min hemm ħdejk u mhux tħallih imexxik hu.

‘Inħobb lil Alla fiha’

Darba kien hemm koppja li kienu ilhom xi ħames snin miżżewġin. Ġie r-raġel għandi u qalli hekk: ‘Jiena, lill-mara tiegħi, la ħadtha għalija, la ħadtha għaliha, imma ħadtha biex inħobb lil Alla fiha’.

Dan ir-raġel spjegali :

‘Ma ħadthiex għalija għax illum għandi wiċċha u għada għandi wiċċ ħaddieħor, għax kollox hu egoiżmu. Ħadtha biex nissodisfa lili nnifsi u f’xi mument se ddur għal xi ħaġa oħra.

‘Ma ħadthiex għaliha, għax illum b’saħħitha imma għadha tista’ u xorta nibqa’ timradli. Ma ħadthiex għas-sbuħija. U għada tista’ tikber fl-eta nħobbha.

‘Ħadtha biex inħobb lil Alla fiha. U qabel ma mmur norqod, lill-Mulej mhux ngħidlu jekk tlabtx – kien bniedem li jitlob – imma mmur quddiemu u ngħidlu, Mulej jekk illum jien ħabbejt lill-mara tiegħi ħabbejt lilek, jekk illum ma ttrattajtx tajjeb lill-mara tiegħi ma ħabbejtikx’.

Jalla l-Mulej jagħtikom li dak li bdejtu tkomplu tgħixuh ġurnata wara l-oħra, bl-isforz u bil-grazzja ta’ Alla, bl-isbaħ mod li tistgħu tgħixuh fl-imħabba ta’ bejnietkom.

KonKattidral ta’ San Ġwann

17 ta’ Jannar 2009